MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 36/2024 LM

**Rebecca Bonello**
*('l-ilmentatriċi')*

***vs.***

**National School Support Services (NSSS)**
*('l-intimata')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-**Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data*** [minn issa 'l quddiem 'il-Kummissarju appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fit-18 ta' April, 2024 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li ddeċieda l-appell tal-ilmentatriċi **Rebecca**

**Bonello** [minn issa ’l quddiem ‘l-ilmentatriċi] fil-konfront tal-intimata **National School Support Services (NSSS)** [minn issa ’l quddiem ‘l-intimata’ jew ‘l-NSSS’], kif ġej:

> “*It-Tribunal jordna li kif din id-*data protection policy *tkun iċċarata u approvata mill-Kummissarju, l-appellanti għandhom jottemperaw ruħhom ma’ dak ordnat mill-Kummissarju. U tirrevokah fil-bqija.”*

**<u>Fatti</u>**

2. L-ilmentatriċi Rebecca Bonello ressqet ilment quddiem il-Kummissarju fil-25 ta’ Awwissu, 2022, fejn allegat li l-intimata kienet kisret l-obbligi tagħha dwar protezzjoni tad-*data* fir-rigward ta’ binha minuri. L-ilmentatriċi qalet li hija identifikat dawn in-nuqqasijiet minn dakinhar li hija talbet aċċess għall-*file* tat-tifel tagħha mingħand l-intimata fl-24 ta’ Mejju, 2022, u tali ksur baqa’ jippersisti sat-30 ta’ Ġunju, 2022. L-ilmentatriċi spjegat li binha minuri kien jattendi ċ-Ċentru ta’ Riżorsi San Miguel, fejn l-NSSS tipprovdi diversi servizzi permezz tat-terapisti tagħha, u dan għall-aħjar żvilupp u progress tat-tfal. L-ilmentatriċi qalet li t-terapisti jagħmlu *assessment* ta’ kull tifel u tifla fil-bidu ta’ kull sena skolastika, u jiffissaw miri individwali għat-tfal għal matul is-sena skolastika li tkun ġejja. Qalet li fl-aħħar tas-sena skolastika, dawn il-miri jiġu evalwati, u t-tfal jerġgħu jiġu assessjati sabiex jiġi stabbilit liema miri ntlaħqu u liema le, u dawn l-*assessments* u r-rapport li jitħejjew fuq kull tifel u tifla, jitpoġġew fil-*file* personali tat-tfal. L-ilmentatriċi qalet li fl-24 ta’ Mejju, 2022, hija talbet kopja tar-rapport li sar dwar it-tifel minuri tagħha, mingħand l-*occupational therapist* u l-*ispeech therapist* li ħadmu miegħu u li segwewh matul is-sena skolastika li kienet ser tiġi fi tmiemha. Qalet li t-talba tagħha ġiet

injorata, u hija ma rċeviet l-ebda risposta għat-talba li għamlet. L-ilmentatriċi spjegat li peress li hija baqgħet ma ngħatatx din l-informazzjoni, fl-10 ta' Ġunju, 2022 hija bagħtet *email* lid-Direttriċi tal-NSSS fejn staqsietha dwar meta kienet ser tirċievi l-informazzjoni. Qalet li d-Direttriċi tal-NSSS weġbitha lura fit-13 ta' Ġunju, 2022, fejn infurmatha li kienet ser tgħaddilha kopja tal-imsemmi *file.* Kompliet tgħid li fil-15 ta' Ġunju, 2022 hija bagħtet *email* oħra lid-Direttriċi tal-NSSS fejn għal darb'oħra staqsietha meta setgħet tiġbor il-*file,* u dan in vista tal-fatt li l-laqgħa dwar it-tifel tagħha kienet ser tinżamm l-għada. Ir-rikorrenti qalet li d-Direttriċi infurmatha li t-talba tagħha kienet qiegħda tiġi pproċessata skont il-proċeduri tal-GDPR, iżda hija ma ngħatat l-ebda informazzjoni dwar tali proċeduri x'jinvolvu jew meta kienet ser tingħata kopja tal-*file* imsemmi. L-ilmentatriċi qalet li kemm hi, kif ukoll missier il-minuri, baqgħu jippressaw lid-Direttriċi sabiex tgħaddilhom kopja tal-imsemmi *file,* u fis-17 ta' Ġunju, 2022, din weġbithom li "*(you) may wish to direct your queries on the matter to our data protection officer".* Fit-23 ta' Ġunju, 2022, id-Direttriċi tal-NSSS għal darb'oħra reġgħet ikkomunikat mal-ilmentatriċi u mar-raġel tagħha permezz ta' *email,* fejn infurmathom li huma setgħu jaraw u jiġbru l-*file* ta' binhom fis-27 ta' Ġunju, 2022 fis-13:00 mill-uffiċċju tagħha. Spjegat li meta dan l-appuntament kien pospost b'nofs siegħa min-naħa tad-Direttriċi tal-NSSS, hija ma setgħetx tattendi minħabba impenji familjari. L-ilmentatriċi qalet li d-Direttriċi tal-NSSS reġgħet ipposponiet il-laqgħa għall-4 ta' Lulju, 2022 fin-12:30. Spjegat ukoll in vista tat-trapass ta' żmien bejn it-talba oriġinali tagħha fl-24 ta' Mejju, 2022 u l-fatt li hija kienet teħtieġ l-informazzjoni fil-*file* sabiex tkun tista' tattendi laqgħat skedati dwar is-sena skolastika li jmiss, talbet biex tkun tista' tiġbor il-*file* fit-30 ta' Ġunju, 2022. Id-Direttriċi tal-intimata weġbitha li t-talba għall-aċċess kienet

saret b'mod formali fl-10 ta' Ġunju, 2022, u li hija l-kontrollur tad-*data* għall-NSSS, u għalhekk tali talbiet iridu jsiru lilha bil-miktub u direttament. L-ilmentatriċi qalet ukoll li ftit jiem qabel ma hija kellha tiġbor l-imsemmi *file* mill-iskola in kwistjoni, irċeviet telefonata mingħand id-*Data Protection Officer* [id-DPO] tal-istess skola, li qaltilha li hemm ċerti proċeduri li jridu jiġu segwiti internament qabel ma l-NSSS tkun tista' tirrilaxxa l-informazzjoni mitluba. Qalet li d-DPO infurmatha li l-approvazzjoni għar-rilaxx tal-informazzjoni wara li ssir talba għal dan l-iskop, tinsab f'idejha, u b'mod ġenerali, l-NSSS twieġeb għal talbiet għall-informazzjoni li jsirulha, fi żmien tletin (30) ġurnata, filwaqt li meta dan ma jkunx possibbli, jingħataw raġunijiet għad-dewmien.

3. L-ilmentatriċi qalet li hija qatt ma ngħatat jew ġiet riferuta għall-*privacy notice,* u minkejja tiftix estensiv min-naħa tagħha, inkluż fuq mezzi elettroniċi, hija baqgħet ma ngħatatx informazzjoni preċiża dwar tali *privacy notice.* Qalet li l-imsemmija *policy* tirreferi għad-Direttur/Direttriċi tal-NSSS bħala l-Kontrollur tad-*Data,* u dan meta d-Direttur tal-NSSS hija impjegata tal-NSSS, filwaqt li hija l-NSSS li tikkontrolla l-informazzjoni u d-*data* personali tat-tfal. L-ilmentatriċi spjegat li l-NSSS tista' tiġi identifikata bħala istituzzjoni edukattiva fit-termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 586.07, għaliex din toffri '*Educational Psycho-Social Services'* kif ukoll '*Inclusive Education Support',* u għalhekk hija l-NSSS li għandha titqies bħala l-Kontrollur tad-*Data.* L-ilmentatriċi ilmentat ukoll għaliex l-imsemmija *policy* ma telenkax il-kategoriji ta' *data* miġbura mill-NSSS, u lanqas ma tipprovdi informazzjoni dwar din l-informazzjoni minn fejn tinġabar, u b'liema mod, u dan iċaħħad lil individwi milli jkunu jafu xi drittijiet għandhom fil-konfront tal-NSSS. Ilmentat ukoll għaliex l-imsemmija *policy* tal-intimata tgħid li "NSSS *collects and processes information to carry out its*

*obligations in accordance with present legislation",* u l-ilmentatriċi qalet li din mhijiex spjega suffiċjenti u lanqas m'hija konformi mar-Regolamenti, għaliex mhijiex trasparenti u ma tispeċifikax għal liema raġuni l-NSSS tiġbor u tipproċessa l-informazzjoni. Qalet li lanqas m'huwa ċar min huma r-riċevituri ta' din l-informazzjoni jew min huma l-proċessuri ta' tali *data,* u għalhekk l-ilmentatriċi u żewġha m'għandhomx informazzjoni dwar ir-raġunijiet għalfejn id-*data* personali ta' binhom qiegħda tinġabar jew tiġi pproċessata, b'tali mod li huwa diffiċli ferm għalihom li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom. L-ilmentatriċi ilmentat ukoll għaliex l-imsemmija *policy* ma tispeċifikax x'inhuma d-drittijiet tas-suġġett tad-*data,* u lanqas m'huwa ċar x'inhuma r-*retention policies* tal-iskola. Qalet li filwaqt li Direttriċi tal-NSSS nfurmatha li kien hemm proċeduri tal-GDPR li kellhom jiġu osservati qabel ma l-informazzjoni mitluba setgħet tiġi rilaxxata, hija qatt ma ngħatat spjegazzjoni dwar tali proċeduri fhiex jikkonsistu, filwaqt li t-tweġiba għat-talba tagħha baqgħet tiġi mdewwma u sospiża mingħajr raġuni ċara għal dan. Qalet ukoll li għaddew aktar minn tletin jum bejn il-ġurnata meta hija ressqet it-talba tagħha, u dakinhar li hija ġabret il-*file* ta' binha fit-30 ta' Ġunju, 2022, u hija ma ngħatat l-ebda raġuni jew ġustifikazzjoni għal dan id-dewmien, bir-riżultat li hija bdiet tissuspetta li mhux minnu li hemm tali proċeduri ta' GDPR fis-seħħ.

4. L-intimata wieġbet billi spjegat li hija tilqa' t-tfal fiċ-Ċentru tagħha permezz ta' numru ta' professjonisti li jaħdmu magħha, filwaqt li l-*assessments,* rapporti u osservazzjonijiet kollha li jsiru dwar dawn it-tfal, jitpoġġew fil-*files* personali tagħhom. Qalet li t-talba tal-ilmentatriċi ma saritx billi din bagħtet *email* lit-terapisti li kienu qegħdin isegwu lit-tifel tagħha, kif allegat, iżda billi din bagħtet *email* lid-Direttriċi tal-NSSS, u kienet id-Direttriċi tal-NSSS li bagħtet din

l-*email* lill-professjonisti kkonċernati. L-intimata qalet li t-talbiet tal-ilmentatriċi ma ġewx injorati, kif ġie allegat, imma t-terapisti involuti wieġbu l-*emails* tagħha u anki talbuha tattendi laqgħa skedata għas-16 ta' Ġunju, 2022 fl-uffiċċji tal-NSSS fil-Ħamrun. Matul din il-laqgħa setgħet issir *handover* bejn it-terapisti tal-NSSS u t-terapisti tal-*Guardian Angel Secondary Education Resource Centre,* u setgħu jiġu wkoll diskussi r-rapporti li hemm fil-*file* tal-minuri. L-intimata spjegat li normalment għal tali laqgħat jattendu biss it-terapisti involuti, iżda fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni li għal din il-laqgħat tattendi wkoll l-omm, li kienet uriet ix-xewqa li tingħata l-informazzjoni. Fid-9 ta' Ġunju, 2022, l-ilmentatriċi talbet li terapisti u professjonisti oħra mill-Aġenzija Sapport ikunu preżenti għall-*handover meeting,* iżda din it-talba ma kinitx konformi mal-iskop maħsub tal-laqgħa, li primarjament kienet ser issir sabiex tingħata *handover* mit-terapisti tal-NSSS lit-terapisti fiċ-Ċentru tar-Riżorsi Guardian Angel. L-intimata spjegat li, in vista ta' dan, u peress li laqgħa simili mal-istess professjonisti kienet ser issir fil-Guardian Angel Secondary Education Resource Centre fis-16 ta' Ġunju, 2022, li għaliha kienet ser tkun preżenti l-ilmentatriċi flimkien ma' professjonisti jew terapisti tal-għażla tagħha, id-Direttriċi tal-NSSS infurmat lill-ilmentatriċi li l-laqgħa skedata kienet tħassret. Din l-*email* intbagħtet lill-ilmentatriċi fid-9 ta' Ġunju, 2022, u l-intimata qalet li dan kien qed issir skont il-*Public Service Management Code (PSMC),* u fl-10 ta' Ġunju, 2022 l-ilmentatriċi talbet biss il-*file* tal-*ispeech therapy,* u sussegwentement fit-13 ta' Ġunju, 2022 talbet ukoll l-*file* tal-*occupational therapy*. Fit-13 ta' Ġunju, 2022, id-Direttriċi tal-NSSS infurmat lill-ilmentatriċi li dawn il-*files* kienu ser jiġu mgħoddija lilha kif mitlub. L-intimata spjegat li mhijiex il-prassi li waqt tali *transition meetings,* il-ġenituri jingħataw f'idejhom il-*file* ta' wliedhom minuri.

Qalet ukoll li l-ilmentatriċi kienet wieġbet lid-Direttriċi tal-NSSS li bħala ġenitur tal-minuri, il-proċeduri tal-GDPR ma japplikawx għaliha, u dan wassalha għall-konklużjoni li l-ilmentatriċi kienet konsapevoli ta' tali proċeduri, u fi kwalunkwe każ hija qatt ma ntalbet tispjega dawn il-proċeduri x'jinvolvu. Qalet ukoll li d-Direttriċi tal-NSSS qatt ma ġiet infurmata bir-restrizzjonijiet ta' ħin li għandha l-ilmentatriċi, u fi kwalunkwe każ l-ilmentatriċi kienet ġiet infurmata li tali *files* kienu ser jingħatawlha mid-Direttriċi tal-NSSS personalment sabiex setgħu jiġu spjegati lilha ċerti teknikalitajiet. Imma l-ilmentatriċi talbet li l-*file* jitħalla mar-*receptionist* f'envelopp issiġillat, li jfisser li din ma kellha l-ebda interess tisma' l-ispjega teknika dwar il-ħtiġijiet ta' binha. L-intimata spjegat ukoll li l-ebda wieħed mill-ġenituri tal-minuri ma bagħat *email* lid-DPO, u fis-17 ta' Ġunju, 2022 id-DPO kienet irċeviet struzzjonijiet mis-Segretarju Permanenti sabiex tagħmel kuntatt mal-ilmentatriċi. Waqt din it-telefonata, id-DPO spjegat lill-ilmentatriċi li hija għandha dritt għal kull *data* personali tat-tifel tagħha miżmuma mill-NSSS. L-intimata qalet ukoll li t-talba oriġinali tal-ilmentatriċi tal-24 ta' Mejju, 2022, ġiet emendata diversi drabi, fejn hija baqgħet titlob għal aktar *files* u rapporti, u l-materjal li ġie pprovdut lilha fit-30 ta' Ġunju, 2022 kien aktar minn dak mitlub minnha fl-24 ta' Mejju, 2022. L-intimata qalet li anki jekk id-data tal-24 ta' Mejju, 2022 kellha titqies bħala d-data meta saret it-talba tal-ilmentatriċi, hija xorta waħda kienet qiegħda taġixxi fit-*time-frames* stabbiliti bl-artikolu 12(3) tar-Regolament, u l-*files* personali tal-istudenti tagħha għandhom informazzjoni sensittiva ħafna dwar kundizzjonijiet ta' saħħa speċifiċi tal-istudenti tagħha. Qalet li kien minħabba f'hekk li d-DPO infurmatha li l-kopja tal-*file* kienet ser jitpoġġa għad-dispożizzjoni tal-ilmentatriċi sabiex

tinġabar minnha personalment, u dan sabiex jiġi evitat li tiġi interċettata minn terzi informazzjoni li tintbagħat bl-*email*.

5. Il-Kummissarju eżamina l-każ, u wasal għal din id-deċiżjoni:

*"On the basis of the foregoing, the Commissioner hereby establishes that the NSSS is acting in the capacity of controller, and therefore the Commissioner decides that the Controller has infringed:*

*a. Article 12(3) of the Regulation, for failing to provide the complainant with information on the action taken on her request to access the personal data of her minor son within one (1) month of receipt of such request;*
*b. Articles 15(1) and article 15(3) of the Regulation, for failing to provide the complainant with the information concerning the processing activity and a copy of her son's personal data undergoing processing at the time of the request;*
*c. Article 38(1) of the Regulation, for not properly and in a timely manner involving the DPO in the internal handling of the case;*
*d. The principle of transparency pursuant to article 5(1)(a), including article 12(2) of the Regulation, as the 'Data Protection Policy' available on the NSSS's website does not contain all the minimum requirements held in article 13 and article 14 of the Regulation; and*
*e. Article 24(2) of the Regulation for not having in place an internal data protection notice addressed to its employees to ensure and to be able to demonstrate that the processing is performed in accordance with the provisions of the Regulation;*

*In terms of article 58(2)(d) of the Regulation, the Commissioner is hereby ordering the controller:*

*a. To revise the 'Data Protection Policy' in order to ensure compliance with all the requirements set forth in article 13 and, where applicable, article 14 of the Regulation; and*
*b. To establish an internal data protection notice pursuant to article 24 of the Regulation.*

*The revised 'Data Protection Policy' shall be made available to the data subjects, and the internal data protection policy shall be made available to all the employees within sixty (60) days, from the date of receipt of this legally-binding decision, and the Controller is ordered to inform the Commissioner with the action taken immediately*

*thereafter. A read-and-sign approach is generally recommended to ensure that members of staff do indeed read the contents of the policy.*

*In addition, after having taken into consideration the submissions provided by the NSSS, it transpired that data protection training was not provided to all employees, and thus, the NSSS is hereby being reminded to ensure that data protection awareness-raising and training of staff, in particular of those performing working duties involving the handling of personal data, should take place during the induction period for new employees and periodically to all the members of staff.*

*After assessing the criteria listed in article 83(2) of the Regulation, the Commissioner considers that an administrative fine is necessary and adequate measure to respond to the nature and gravity of the infringement. After taking into account the second proviso to article 21 of the Act, in terms of article 58(2)(i) of the Regulation, the Commissioner hereby imposes an administrative fine of two thousand five hundred Euro (€2,500), which shall be paid within twenty (20) days from receipt of this decision."*

6. L-intimata appellat minn din id-deċiżjoni tal-Kummissarju, quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data.*

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

7. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-18 ta' April, 2024, it-Tribunal iddeċieda billi għamel diversi konsiderazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet, inkluż lill-Kummissarju:

*"L-aggravji tal-appellanti huma dawn:*

***(i) Li l-appellanti bagħtu l-informazzjoni mitluba mill-appellata fi żmien li jitlob l-artikolu 12(3) tar-Regolament***

*It-talba tagħha saret fl-24 ta' Mejju, 2022; li ż-żewġ terapisti tat-tifel Cathleen Mazzacano D'Amato u Liliana Agius bagħtu emails lura lilha jgħaddulha informazzjoni dwar it-tifel tagħha u l-metodi li juża fl-assessjar; fl-10 ta' Ġunju l-appellanti talbet lil Josianne Ghirxi Direttur tal-NSSS għall-i*speech therapy file *biss u fit-13 ta' Ġunju hija talbet ukoll għall-*occupational therapy file*; fis-16 ta' Ġunju, hija*

*ġiet infurmata sabiex tattendi għal meeting sabiex jiġu diskussi dawn iż-żewġ files però l-appellata ħassret dan il-meeting għax riedet li jkunu preżenti professjonisti li tagħżel hi.*

*Li għalhekk skont l-appellanti fit-terminu impost mil-liġi ż-żewġ files mitluba mill-appellanti kienu disponibbli għaliha u kienet hija li ħassret il-meeting tas-16 ta' Ġunju. Ghirxi infurmat lill-appellata sabiex fis-27 ta' Ġunju fis-1pm tmur sabiex tiġbor iż-żewġ files mingħandha u tispjegalha xi teknikalitajiet li jinsabu fiż-żewġ rapporti. Iżda l-appellanti ma marritx għal din il-laqgħa.*

***(ii) It-tieni aggravju huwa li l-Kummissarju jagħti importanza assoluta l-fatt li huwa dritt fundamentali tal-bniedem li jingħata aċċess għad-data personali tiegħu mingħajr ma jqis punti fundamentali oħra li jridu jiġu kkunsidrati meta wieħed jagħti din l-informazzjoni***

*L-appellanti jispjega li l-appellata riedet li l-*files *in kwistjoni jintbagħtu lilha permezz ta' email iżda minħabba li dawn il-files ma humiex* files *kwalunke u jinkludu mhux biss informazzjoni sensittiva imma informazzjoni dwar minuri l-appellanti qua kontrollur tad-data iddiskutiet mal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data dwar il-mod kif jintbagħtu dawn il-*files *u stante li l-*email address *u l-*password *jistgħu faċilment jingħataw mis-sid tiegħu lil nies oħra, fuq il-parir tiegħu tali* files *ma kellhomx jingħataw permezz ta'* email *iżda* by hand *lill-appellata.*

*Li għalhekk ma kien hemm ebda ksur tal-artikoli 15(1) u 15(3) stante li huwa ma kien qed iċaħħad lill-appellanti milli tingħata din l-informazzjoni.*

***(iii) It-tielet aggravju huwa li l-Kummissarju injora l-fatt li Josanne Ghirxi kkuntattjat immedjatament lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data meta rċeviet ir-*****request** ***bil-miktub u li għalhekk ma jistax jingħad li l-artikolu 38(1) ġie vjolat.***

*Josanne Ghirxi l-ewwel darba li rċeviet it-talba bil-miktub kien fl-10 ta' Ġunju. Li meta l-appellata riedet li ż-żewġ files mitluba minnha jintbagħtu lilha permezz ta' email Ghirxi fuq parir tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data infurmatha sabiex dawn il-files tmur tiġborhom mingħandha u tispjegalha xi teknikalitajiet dwarhom. L-appellata rrappurtat il-każ lis-Segretarju Permanenti li informa lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data li min-naħa tagħha hija ċemplet lil (****ii) it-tieni aggravju huwa li l-Kummissarju jagħti importanza assoluta l-fatt li huwa dritt fundamentali tal-bniedem li jingħata aċċess għad-data personali tiegħu mingħajr ma jqis punti fundamentali oħra li jridu jiġu kunsidrati meta wieħed jagħti din l-informazzjoni.***

*appellata u spjegatilha għaliex dawn il-files ma jintbagħtux permezz ta' email u rrispondiet għal kull domanda li kellha l-appellata iżda minkejja dan l-appellata baqgħet tinsisti li dawn il-files jintbagħtu permezz ta' email.*

*Li għalhekk ma kienx hemm ksur tal-artikolu 38(1).*

**(iv) *Ir-raba' aggravju huwa li d-*Data Protection Policy *tal-appellanti hija skont il-liġi u mhix kif qed jgħid il-Kummissarju fid-deċiżjoni tiegħu.***

*L-appellanti jispjegali d-*Data Protection Policy *tal-NSSS hija bażata fuq it-*template *provduta fuq l-*intranet *imħejjija mid-*Data Protection Unit *fi ħdan l-MDJ. Din hija* policy *ġenerika u għalhekk fejn jidħol l-artikolu 6 tal-GDPR fil-*policy *jingħad:* "Your personal data is collected under one of the legal grounds outlined in Article 6 of the GDPR depending on the service being provided." *U dan peress li s-servizzi differenti jużaw bażi legali differenti u wieħed ma jistax jipprovdi* policy *għal kull servizz li jingħata.*

*Skont l-appellanti l-Kummissarju għamel żbalji fl-analiżi tal-meta meta tqis li d-*data protection policy *tal-esponenti fiha dawn is-sezzjonijiet:* Purposes for collecting data, Recipients of data, Your rights retention Policy, The Data Protection Officer, Data Controller, The Information and Data Protection Commissioner.

*L-appellanti jikkontendi li wieħed irid iqis kull każ għal każ u meta wieħed jikkunsidra s-servizzi kollha li jingħataw mill-esponenti wieħed irid ikun kapaċi japplika* policy *kemm xejn ġenerika għal kull servizz speċifiku li xorta tiggwida s-suġġett għal-liġi speċifika.*

*Li dan il-fatt huwa konsolidat bil-korrispondenza bejn it-terapisti u l-ilmentatriċi tal-24 ta' Mejju fejn it-terapisti (il-Kontroll) bl-akbar trasparenza taw informazzjoni dwar ir-rapporti tat-tifel (data li nġabret minnhom u mhux mingħand is-suġġett) u li dawn jiġu miġbura fil-*file *tat-tifel.*

**(v) *Il-ħames aggravju huwa li l-Kummissarju ma kkunsidrax il-passi li ttieħdu mill-uffiċjali konċernati u kkonkluda li l-fatt li ma hemmx* internal data protection notice *ifisser li l-uffiċjali ma humiex konxji tar-regolamenti għal protezzjoni tad-data li bihom huma marbutin.***

*Fil-korrispondenza bejn it-terapisti u l-ilmentatriċi tal-24 ta' Mejju t-terapisti (Kontrollur tad-Data) huma konxji tal-obbligi tagħhom li jgħaddu l-informazzjoni lis-suġġett tad-data u apparti minn dan huma offrewlha biex jerġgħu jċemplulha biex jispjegawlha l-miri tat-tifel.*

*Kienet l-appellata li riedet lill-NSSS li jinjoraw ir-regolamenti tal-protezzjoni tad-data u jibgħatulha ż-żewġ files bl-email.*

*L-appellanti jikkontendi li l-Kummissarju ma ħax in konsiderazzjoni d-dokumenti u l-korrispondenza esebiti għax kieku ma kienx jikkonkludi li nkiser l-artikolu 24(2) tar-Regolament.*

***(vi) Is-sitt aggravju huwa li l-multa amministrattiva bażata fuq l-artikolu 83(2) fejn is-subartikoli 83(2)a)(b)(f)(g) u (h) u kif applikati ma jirriflettux li saret xi analiżi tal-mertu***

*Mill-provi jirriżulta li ma kienx hemm ksur tad-drittijiet u wisq anqas negliġenza gravi anzi attenzjoni da parti tal-appellanti sabiex dan il-każ jiġi trattat b'mod sensittiv u li tingħata attenzjoni massima għall-protezzjoni tad-data ta' suġġetti vulnerabbli.*

*Ra d-dokumenti annessi mal-appell tal-NSSS.*

*Li meta l-Kummissarju fis-7 ta' Ottubru, 2022 staqasa lill-appellata għall-kummenti tagħha hija weġbitu fis-17 ta' Ottubru, 2022 li ma għandhiex kummenti x'tagħmel.*

*Ra d-dikjarazzjoni tal-każ tal-Kummissarju.*

*Ra li l-appellata għalkemm notifikata bir-rikors tal-appell tal-appellanti baqgħet ma ppreżentat ebda risposta.*

*Ra l-affidavits esebiti.*

*Ra d-dokumenti u provi annessi.*

*Ikkonsidra*

*Li s-sekwenza tal-atti kif jirriżulta mill-provi hija kif ġej:*

*Fl-ewwel email tal-appellata dik tal-24 ta' Mejju, 2022 fis-7:04 mibgħuta lil Lilian Agius u kkupjata lit-terapisti Agius u Mazzacano d'Amato hija titlob:*

the assessment they done to xxxxxx at the beginning of the year
What goals did they set?
Which goals has he reached?

*Fit-tieni email tagħha ukoll tal-24 ta' Mejju, 2022 u mibgħuta aktar tard, l-appellanti tibgħat email lil Lilian Agius ikkupjata lit-terapisti Agius u lil Mazzacano d'Amato titlobha* 'a copy of the information in xxxxxxx's file regarding OT and speech'.

*It-talba tagħha ġiet milqugħa u ġiet infurmata li ser issir laqgħa fis-16 ta' Ġunju, 2022 sabiex it-terapisti jgħaddulha r-rapport tagħhom u jispjegahulha. Dan kif dejjem kienet il-prassi tal-NSSS.*

*Iżda hija rrifjutat li tmur għall-appuntament jekk ma jkollhiex kopja ta' dawn ir-rapporti minn qabel u wkoll li jkunu preżenti numru ta' terapisti li semmiet hi li ridithom ikunu preżenti.*

*Fl-10 ta' Ġunju, 2022 l-appellata titlob ukoll lil Joanna Ghirxi kopja tal-*file *tal-i*speech therapy *tat-tifel.*

*Fit-13 ta' Ġunju, 2022 l-appellata titlob ukoll lil Joanne Ghirxi kopja tal-file tal-*occupational therapy *tat-tifel.*

*Fit-13 ta' Ġunju, 2022 Josanne Ghirxi tinforma lill-appellata li ser tipprepara kopja tal-*files *u tinfurmaha bid-data u ħin meta tmur għalihom.*

*13 ta' Ġunju, 2022 l-appellata titlob ukoll għal* occupational therapy file *u ġiet infurmata li ż-żewġ* files *huma lesti.*

*13 ta' Ġunju, 2022 l-appellata ġiet infurmata li t-talba tagħha qed tiġi kkunsidrata.*

*15 ta' Ġunju, 2022 l-appellata tinforma lill-NSSS permezz ta' emails li l-*files *tridhom sas-16 ta' Ġunju, 2022.*

*Ġiet iffissata laqgħa 16 ta' Ġunju, 2022 sabiex l-appellata tmur* għaliha *fl-uffiċji tal-NSSS il-Ħamrun u li t-terapisti tal-SMRC u tal-Guardian Angel Secondary Education Resource Centre jagħtuha l-*files *u jispjegawlha fid-dettall dawn il-*files *tat-tifel. Dan stante li l-appellata riedet ukoll spjegazzjoni tal-kontenut ta' dawn il-*files.

*Fil-15 ta' Ġunju, 2022 wara li l-appellata talbet li jkollha kopja tar-rapporti taż-żewġ fiżjoterapisti u wkoll li jkun hemm terapisti oħra li hija riedet li jkunu preżenti għal-laqgħa tas-16 ta' Ġunju, 2022.*

*Qabel il-laqgħa tas-16 ta' Ġunju, 2022 hija ġiet infurmata li t-talba tagħha ser titressaq lill-Uffiċjal tad-Data.*

*15 ta' Ġunju, 2022 l-appellata titlob li dan il-*file *jintbagħat lilha permezz ta' email sabiex tilħaq tarah qabel il-*meeting *tas-16 ta' Ġunju, 2022 mat-terapisti.*

*16 ta' Ġunju, 2022 missier it-tifel is-Sur Crossey jakkuża lid-Direttur tal-NSSS li* files *ma jeżistux.*

*17 ta' Ġunju, 2022 id-Direttur tal-NSSS informa lill-appellata u lil missier it-tifel li t-talba tagħhom qed tiġi pproċesssata skont il-proċeduri tal-GDPR u li jekk għandu xi mistoqsijiet jindirizzahom lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni Data tal-Ministeru s-Sinjura Caruana.*

*Tali talba qatt ma saret minnhom lil Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data u minflok irrappurtaw lis-Segretarju Permanenti li mal-ewwel ta struzzjonijiet lill-uffiċjal tad-*

*Data biex iċċempel lill-appellata u meta staqsietha x'kienet il-problema hija assiguratha li kellha dritt għall-files tat-tifel u li mhux minnu li hija qalet lill-appellata li ebda file ma joħroġ mingħajr il-kunsens tal-Uffiċjal tad-Data.*

*23 ta' Ġunju, 2022 Direttur NSSS tinforma lill-appellata sabiex tiġbor il-*file *tal-minuri fis-27 ta' Ġunju, 2022 fis-1pm mill-uffiċċju tagħha liema appuntament id-Direttur bidlitu għas-1.30pm meta dak il-ħin l-appellata ma setgħetx tmur għalih.*

*23 ta' Ġunju, 2022 l-appellata tingħata appuntament biex tmur tiġbor il-*files *fis-27 ta' Ġunju, 2022 fis-1pm.*

*24 ta' Ġunju, 2022 l-appellata talbet tistax tmur għall-*file *dakinhar iżda d-Direttur ma kinitx disponibbli.*

*L-appellata ma tikkonfermax l-appuntament tas-27 ta' Ġunju, 2022.*

*26 ta' Ġunju, 2022 l-appuntament tas-27 ta' Ġunju, 2022 jiġi pospost għas-1.30pm minħabba impenji ta' xogħol tad-Direttur NSSS.*

*27 ta' Ġunju, 2022 l-appellata tinforma lid-Direttur dakinhar stess li hija sal-11.30am tista' dakinhar u mhux aktar tard u li l-*files *għandhom jitħallew mar-*receptionist *għax ma hix titlob aktar spjegazzjoni dwar it-teknikalitajiet u trid biss kopja tal-*files *sabiex tiġoborhom l-għada fit-28 ta' Ġunju, 2022.*

*Id-Direttur NSSS baqgħet tinsisti li dawn il-*files *għandha tgħaddihomlha* by hand *u peress li 28 ta' Ġunju kellha diversi laqgħat skedati, 29 ta' Ġunju festa pubblika, 2 u 3 ta' Lulju l-*weekend *ma jaħdmux, l-4 ta' Lulju fin-12.30pm hija tatha l-appuntament.*

*30 ta' Ġunju, 2022 l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data ċemplet lill-appellata tinfurmaha li kien hemm ċerti proċeduri tal-protezzjoni tad-data li riedu jittieħdu qabel ma l-NSSS tirrilaxxa l-informazzjoni li hija qiegħda titlob u li kienet hija ċioe l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data li trid tagħtiha l-barka sabiex il-*file *jiġi mgħoddi lilha.*

*4 ta' Lulju kienet id-data meta d-Direttur setgħet tagħtiha biex tiġbor il-*files *mitluba.*

*Ra d-dikjarazzjoni tal-każ tal-Kummissarju.*

*Ra li l-appellata għalkemm debitament notifikata bir-rikors tal-appell baqgħet ma ppreżentat ebda risposta.*

*Ra l-affidavits ta' Jane Caruana Uffiċjal Protezzjoni Data, u ta' Josanne Ghirxi Direttur tal-NSSS.*

*Ra d-dokumenti kollha esebiti.*

*Konsiderazzjonijiet*

*Illi dan it-Tribunal ma jistax ma josservax li dan kollu huwa frott tal-biżgħa sfrenata li għandu kulħadd f'dan il-pajjiż dwar il-GDPR liema biżgħa waslet fl-estrem li anke xi kultant jiġu aġevolati l-kriminali u min jikser il-liġi b'riżultat ta' interpretazzjoni mġebbda tar-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data.*

*F'dan il-każ omm il-minuri talbet li jkollha kopja tal-*files *dwar binha qabel il-*meeting *mat-terapisti fis-16 ta' Ġunju, 2022 liema* meeting *kien intiż biex tingħata l-*files *u spjegazzjoni tagħhom u l-appellanti stante li tali rapporti kienu tat-terapisti li jaħdmu magħha riedet il-kunsens tal-Uffiċjal tad-Data sabiex tagħmel dan.*

*Dan it-twerwir li l-uffiċjali qed jgħabbuhom bih jirriżulta wkoll meta l-istess Direttur tal-NSSS tinsisti li tali* files *tagħtihomlha* by hand *u mhux tħallihom mar-*receptionist *jew tibgħathomlha bl-email u li l-Uffiċjal tad-Data jrid ikollha l-barka tal-ministeru biex hija tagħti l-barka tagħha għar-rilaxx tal-informazzjoni mitluba (dan jirriżulta mill-affidavit tal-istess uffiċjal Jane Caruana).*

*Fl-affidavit tagħha dan l-Uffiċjal, Jane Caruana, tgħid li fis-17 ta' Ġunju Ghirxi infurmat lill-ġenituri tat-tifel sabiex jagħmlu t-talba tagħhom lilha ħaġa li ma għamlux u li fl-20 ta' Ġunju, 2022 wara r-rapport li għamlu l-ġenituri lis-Segretarju Permanenti Caruana ċemplet lill-appellata Bonello u infurmatha li għandha dritt għal kopja tal-*file *tat-tifel. Iżda mill-atti jirriżulta li fit-23 ta' Ġunju, 2022 l-appellata tingħata appuntament għas-26 ta' Ġunju biex tmur għall-*files. *Dakinhar ma setgħetx u kellha tingħata appuntament ieħor.*

*Mill-provi jirriżulta li l-appellata ġabret il-*files *fit-30 ta' Ġunju, 2022, ġabrithom mir-*reception *bl-*envelopes *issiġillati u wara li ppreżentat il-karta tal-identità tagħha.*

*Dwar l-ewwel aggravju:* ***(i) li l-appellanti bagħtu l-informazzjoni mitluba mill-appellata fi żmien li jitlob l-artikolu 12(3) tar-Regolament***

*Dwar dan l-ewwel aggravju jiġi rilevat li skont iż-żewġ talbiet tal-appellata għalkemm saru fl-istess ġurnata ma jistgħux jitqiesu bħala talba waħda u dejjem ġie konsiderati bħala żewġ talbiet separati.* Vide Guidelines 1/2022 on Data Subject Rights – right of access adopted on 28 March 2023.

*Li l-Kontrollur tad-Data huwa d-Direttur tal-NSSS u mhux Liliana Agius u li għalhekk dan it-Tribunal jaqbel mal-appellanti meta tgħid li t-talba saret lilu fl-10 ta' Ġunju, 2022 u t-tieni talba saret fit-13 ta' Ġunju, 2022.*

*Li skont il-*Guidelines *hawn fuq imsemmija dawn għandhom jiġu kkunsidrati bħala żewġ talbiet distinti u mhux talba waħda.*

*L-ewwel talba tal-appellata saret permezz ta' email fl-24 ta' Mejju, 2022 fis-7.04 li permezz tagħha talbet lil Liliana Agius u mhux lil Josanne Ghirxi kif kellha ssir, hija talbet:*

The assessment they done to xxxxxx at the beginning of the year
What goals did they set?
Which goals has he reached?

*Fit-tieni email tagħha dik tal-24 ta' Mejju, 2022 fil-11.36am u li permezz tagħha talbet lil Liliana Agius kopja tar-rapporti tal-*occupational therapist *u tal-i*speech therapist *dwar binha.*

*Din l-informazzjoni mitluba minnha fl-ewwel email tagħha lil Liliana Agius kienet lesta tant li fis-16 ta' Ġunju, 2022 hija ngħatat appuntament mal-fiżjoterapisti biex tingħata din l-informazzjoni u t-terapisti li lestew dawn ir-rapporti jispjegawulha.*

*Din it-talba ġiet kanċellata minħabba li l-appellata talbet kopja ta' dan ir-rapport minn hemm u ddettat ukoll numru ta' terapisti li kellhom ikunu preżenti għal din il-laqgħa.*

*Dwar iż-żewġ talbiet li saru mill-appellata lil Josanne Ghirxi huwa Kontrollur tad-Data ċioe dik tal-10 ta' Ġunju, 2022 u tat-13 ta' Ġunju, 2022, Ghirxi rrispondiet lill-appellata li t-talbiet tagħha qed jiġu kunsidrati.*

*Ġara li Ghirxi kienet qed tistenna l-approvazzjoni minn Uffiċjal tad-Data tal-NSSS Jane Caruana li min-naħa tagħha riedet il-barka tal-Uffiċjal tad-Data tal-Ministeru.*

*Fis-26 ta' Ġunju, 2022 biex jingħata appuntament biex tmur għall-*files *mitluba iżda l-appellata kkanċellatu stante li fil-ħin mogħti lilha hija ma setgħetx minħabba li kellha tiġbor it-tfal l-oħra mill-iskola.*

*Ġara li fit-30 ta' Ġunju, 2022 l-appellata ġabret il-*files *mitluba.*

*Illi għalhekk dan it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' dan l-aggravju stante li t-talba kellha ssir lil Kontrollur f'dan il-Każ lid-Direttur tal-NSSS Josanne Ghirxi u mhux lil Lilian Agius; li tali talba għall-files saret fl-10 ta' Ġunju, 2022 u t-13 ta' Ġunju, 2022 u l-informazzjoni mitluba ngħatat fit-30 ta' Ġunju, 2022 entro t-terminu.*

*Dak li talbet l-appellata permezz tal-emails lil Liliana Agius ġie wkoll provdut u kienet hija li ħassret l-appuntament għax dehrilha li kellu jkun hemm fiżjoterapisti oħra preżenti u li kellu jkollha dritt għal kopja tar-rapporti qabel il-laqgħa. Però dan mhux mertu ta' dan l-appell. Għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi milqugħ.*

***(ii) it-tieni aggravju huwa li l-Kummissarju jagħti importanza assoluta l-fatt li huwa dritt fundamentali tal-bniedem li jingħata aċċess għad-data personali tiegħu***

***mingħajr ma jqis punti fundamentali oħra li jridu jiġu kunsidrati meta wieħed jagħti din l-informazzjoni.***

*Dwar dan l-aggravju dan it-Tribunal jaqbel mal-appellant meta jgħid li hija l-policy maħruġa mill-Ministeru li ebda* files *ma jintbagħtu permezz ta' email in vista tal-fatt li dawn jistgħu jiġu intralċjati minn terzi u li għalhekk l-NSSS qua kontrollur jiġi fl-inkwiet.*

*Ma hemm xejn fir-Regolament li jobbliga lill-Kontrollur jibgħat l-informazzjoni mitluba b'mod jew ieħor u sta għall-Kontrollur f'dan il-każ l-appellant li jagħżel il-mod li bih għandu jgħaddi l-informazzjoni mitluba.*

*A fini ta' effiċjenza dan it-Tribunal iqis però li l-ġabra tal-informazzjoni, ġialadarba din ġiet approvata li tingħata, għandha tkun mingħajr burokrazija żejda u preżentata tal-karta tal-identità ta' min talab l-informazzjoni, fotokopja tagħha u l-firma tal-istess persuna meta tiġbor l-informazzjoni huma suffiċjenti.*

*Għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi milqugħ.*

***Rigward it-tielet aggravju huwa li l-Kummissarju injora l-fatt li Josanne Ghirxi kkuntattjat immedjatament lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data meta rċeviet ir-*****request *bil-miktub u li għalhekk ma jistax jingħad li l-artikolu 38(1) ġie vjolat.***

*Jiġi rilevat li ma jirriżultax mill-provi li Josanne Ghirxi l-ewwel darba li rċeviet it-talba bil-miktub kien fl-10 ta' Ġunju, 2022 u mill-affidavit ta' Jane Caruana l-uffiċjal tad-Data jirriżulta li kien fl-10 ta' Ġunju, 2022 li Ghirxi ċemplitilha biex tinfurmaha li dakinhar irċeviet email mingħand l-appellata titlob kopja ta' dawn iż-żewġ* files.

*Il-Kummissarju jikkontendi fid-deċiżjoni tiegħu li Ghirxi kellha tagħmel dan* 'properly and in a timely manner' *kif jitlob l-artikolu 38(1) tal-GDPR.*

*Huwa minnu li l-artikolu 38(1) tal-GDPR jitlob dan iżda huwa minnu wkoll li l-istess artikolu 38(1) tal-GDPR jesiġi dan* 'in all issues which relate to the protection of personal data'. *Dan Ghirxi għamlitu immedjatament meta hija rċeviet it-talba tal-apellata.*

*Għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi milqugħ.*

*Dwar ir-raba' u l-ħames aggravju.*

***(iv) ir-raba' aggravju huwa li d-*****Data Protection Policy** ***tal-appellanti hija skont il-liġi u mhix monka kif qed jgħid il-Kummissarju fid-deċiżjoni tiegħu***

***(v) il-ħames aggravju huwa li l-Kummissarju ma kkunsidrax il-passi li ttieħdu mill-uffiċjali konċernati u kkonkluda li l-fatt li ma hemmx*** **internal data protection notice**

***ifisser li l-uffiċjali ma humiex konxji tar-regolamenti għall-protezzjoni tad-data li bihom huma marbutin.***

*Illi l-appellata allegat mal-Kummissarju li l-appellanta għandha diversi* 'data shortcomings'*. Il-Kummissarju investiga dan kif tagħtih id-dover li jagħmel l-artikolu 51 tal-GDPR.*

*L-artikolu 51 tal-GDPR jgħid x'inhuma d-doveri tal-Kummissarju fosthom li jara li l-GDPR tkun qed tiġi applikata fl-istati membri.*

*Illi huwa d-dover tal-Kummissarju skont l-artikolu 58 tal-GDPR li "*to order the controller or processor to bring processing operations into compliance with the provisions of this Regulation, where appropriate, in a specified manner and within a specified period."

*Li l-Kummissarju sab u ordna lill-appellanti li jagħmel is-segwenti:*

'infringed the principle of transparency pursuant to article 5(1)(a) including article 12(1) of the Regulation, as the 'Data Protection Policy' available on the NSSS's website does not contain all the minimum requirements held in article 13 and article 14 of the Regulation;

*Dan it-Tribunal jikkontendi li l-Kummissarju għandu jispeċifika x'inhuma dawn il-* minimum requirements *li jitolbu l-artikoli 13 u 14 tar-Regolament.*

Infringed article 24(2) of the Regulation for not having in place an internal data protection notice addressed to its employees to ensure and to be able to demonstrate that the processing is performed in accordance with the provisions of the Regulation.

*Li mill-provi dan ma jirriżultax anzi jirriżulta li l-impjegati l-*internal data protection notice *għandhom liema* notice *tgħid li kollox irid isir skont kif jordna l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data. X'qed jifhem biha* an internal protection notice in place *il-Kummissarju huwa għandu jispeċifika dan lill-appellanti anki għaliex it-Tribunal qed jifhem biha x'għandhom jagħmlu l-impjegati meta jirċievu talba għall-kopja jew żvelar ta' data tenut kont li l-artikolu 24 tar-Regolament jitkellem dwar* data protection policy *u mhux* data protection notice. *Għalhekk sabiex ma jkunx hemm diżgwid tajjeb li dan jiġi speċifikat mill-Kummissarju.*

*Oltre dan ai termini tal-58(2)(d) tar-Regolament il-Kummissarju ordna lil NSSS qua kontrollur sabiex:*

To revise the 'Data Protection Policy' to ensure compliance with all the requirements set forth in article 13 and where applicable article 14 of the Regulation; and

*Li l-appellanti għandhom jipprovdu draft lill-Kummissarju sabiex id-Data Protection Policy tkun approvata fl-intier tagħha mill-Kummissarju.*

To establish an internal data protection notice pursuant to article 24 of the regulation. *L-artikolu 24 tar-Regolament jipprovdi dwar* internal data protection policy *u mhux dwar* internal data protection notice *u għalhekk ikun għaqli li l-Kummissarju jkun aktar speċifiku dwar dan.*

*Anke għaliex kif tgħid l-appellanti fir-rikors tal-appell tagħha, li d-*Data Protection Policy *tal-NSSS hija bażata fuq it-*template *provduta fuq l-*intranet *imħejjija u li d-*data protection policy *tal-esponenti fiha dawn is-sezzjonijiet:* Purposes for collecting data, Recipients of data, Your rights Retention policy, The Data Protection Officer, Data Controller, The Information and Data Protection Commissioner.

*Huwa għalhekk li l-Kummissarju għandu jkun aktar speċifiku u jgħid lill-appellanti dwar l-emendi li għandhom isiru fid-*Data Protection Policy *tagħhom u kif għandha tkun id-*data protection notice.

*Jiġi rilevat ukoll li oltre dan il-Kummissarju ordna kif din id-*Data Protection Policy *għandha tkun disponibbli lil* data subjects *u li l-*internal data protection policy *tkun disponibbli lill-impjegat fi żmien sittin (60) ġurnata minn meta din id-deċiżjoni tkun finali.*

*Kif din id-*data protection policy *tkun iċċarata u approvata mill-Kummissarju l-appellanti għandhom dritt jottemperaw ruħhom ma' dak ordnat mill-Kummissarju.*

***(vii) Is-sitt aggravju huwa li l-multa amministrattiva bażata fuq l-artikolu 83(2) fejn is-subartikoli 83(2)(a)(b)(f)(g) u (h) u kif applikati ma jirriflettux li saret xi analiżi tal-mertu.***

*Illi dan it-Tribunal ma jirriżultalux li l-appellanti qatt ingħata xi struzzjonijiet mill-Kummissarju sabiex jagħmel dak li qed jiġi mitlub minnu fid-deċiżjoni tal-Kummissarju u l-appellanti ma tax każ jew injora dawn l-istruzzjonijiet.*

*Li se mai kien u huwa dover tal-Kummissarju li jagħmel dan l-inventarju u jivverifika li kollox qed isir skont ir-regolamenti tal-GDPR u mhux jistenna li jkollu rapport biex jagħmel dan. Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi dan it-Tribunal jaqbel mal-appellanti li ma kienx hemm lok għal tali multa amministrattiva f'dan l-istadju meta l-NSSS qatt ma kellha tali talba mill-Kummissarju. Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi billi:*

*Jilqa' l-appell tal-appellanti limitatament għall-ewwel, tieni, tielet u sitt aggravju jiċħad ir-raba' u l-ħames aggravji u li għalhekk qed jirriforma d-deċiżjoni tal-*

*Kummissarju billi jordna lill-appellanti tagħmel dak ordnat lilha mill-Kummissarju iżda bil-mod ta' kif qed jiġi ordnat minn dan it-Tribunal f'dan l-appell ċioe:*

*Fejn il-Kummissarju sab li l-appellanti:*

Infringed the principle of transparency pursuant to article 5(1)(a) including article 12(a) of the Regulation, as the 'Data Protection Policy' available on the NSSS's website does not contain all the minimum requirements held in article 13 and article 14 of the Regulation;

*Dan it-Tribunal jikkontendi li l-Kummissarju għandu jispeċifika x'inhuma dawn il-* minimum requirements *li jitolbu l-artikoli 13 u 14 tar-Regolament.*

*Fejn il-Kummissarju sab li l-appellanti*

Infringed article 24(2) of the Regulation for not having in place an internal data protection notice addressed to its employees to ensure and to be able to demonstrate that the processing is performed and in accordance with the provisions of the Regulation.

*Li mill-provi dan ma jirriżultax anzi jirriżulta li l-impjegati li l-*internal data protection notice *għandhom liema* notice *tgħid li kollox irid isir skont kif jordna l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data. X'qed jifhem biha* an internal data protection notice in place *il-Kummissarju huwa għandu jispeċifika dan lill-appellanti anke għaliex it-Tribunal qed jifhem biha x'għandhom jagħmlu l-impjegati meta jirċievu talba għall-kopja jew żvelar ta' data tenut kont li l-artikolu 24 tar-Regolament jitkellem dwar* data protection policy *jew* data protection notice. *Għalhekk sabiex ma jkunx hemm diżgwid tajjeb li dan jiġi speċifikat mill-Kummissarju.*

*Fejn il-Kummissarju ai termini tal-58(2)(d) tar-Regolament il-Kummissarju ordna lil NSSS qua kontrollur sabiex:*

To revise the 'Data Protection Policy' to ensure compliance with all the requirements set forth in article 13 and where applicable article 14 of the Regulation; and

*Li l-appellanti għandhom jipprovdu draft lill-Kummissarju sabiex id-*Data Protection Policy *tkun approvata fl-intier tagħha mill-Kummissarju.*

*Fejn il-Kummissarju ordna lill-appellanti:*

To establish an internal data protection notice pursuant to article 24 of the Regulation.

*L-artikolu 24 tar-Regolament jipprovdi dwar* internal data protection policy *u mhux dwar* internal data protection notice *u għalhekk ikun għaqli l-Kummissarju jkun aktar speċifiku dwar dan.*

*Anke għaliex kif tgħid l-appellanti fir-rikors tal-appell tagħha, li d-*Data Protection Policy *tal-NSSS hija bażata fuq it-*template *provduta fuq l-*intranet *mhejjija u li d-*data protection policy *tal-esponenti fiha dawn is-sezzjonijiet:* Purposes for collecting data, Recipients of data, Your rights Retention Policy, The Data Protection Officer, Data Controller, The Information and Data Protection Commissioner.

*Huwa għalhekk li l-Kummissarju għandu jkun aktar speċifiku u jgħid lill-appellanti dwar l-emendi li għandhom isiru fid-*Data Protection Policy *tagħhom u kif għandha tkun id-*data protection notice.

*Fejn il-Kummissarju ordna kif din id-*Data Protection Policy *għandha tkun disponibbli lil* data subjects *u li l-*internal data protection policy *tkun disponibbli lill-impjegati fi żmien sittin (60) ġurnata minn meta din id-deċiżjoni tkun finali.*

*It-Tribunal jordna li kif din id-*data protection policy *tkun iċċarata u approvata mill-Kummissarju, l-appellanti għandhom jottemperaw ruħhom ma' dak ordnat mill-Kummissarju. U tirrevokah fil-bqija."*

**<u>L-Appell</u>**

9. Fit-8 ta' Mejju, 2024, il-Kummissarju ressaq appell mid-deċiżjoni appellata *ai termini* tal-artikolu 29 tal-Kap. 586 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tal-4 ta' Mejju, 2023 fl-intier tagħha, bl-ispejjeż kontra l-appellati.

10. L-appellant spjega li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni appellata għal erba' raġunijiet ewlenin: (i) it-Tribunal għamel interpretazzjoni żbaljata dwar min huwa l-kontrollur responsabbli mill-ipproċessar tad-*data;* (ii) it-Tribunal naqas li jirrikonoxxi li kien hemm dewmien fl-aċċess tad-*data* mogħtija mill-NSSS lis-suġġett tad-*data,* u għalhekk kien hemm interpretazzjoni żbaljata tal-applikazzjoni tal-artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) 2016/679; (iii) it-Tribunal għamel interpretazzjoni ħażina fir-rigward tal-poteri tal-Kummissarju; (iv) Il-

multa tal-Kummissarju imposta *ai termini* tal-artikolu 58(2)(i) tar-Regolament (UE) 2016/679, hija effettiva, proporzjonata u dissważiva, u għandha tiġi kkonfermata.

11. B'riferiment għall-ewwel aggravju, l-appellant spjega li fid-deċiżjoni appellata, ġie mtenni diversi drabi mit-Tribunal b'mod żbaljat, li l-kontrollur tad-*data* personali in kwistjoni hija d-Direttur tal-NSSS. L-appellant qal li l-punt tat-tluq tiegħu fid-deċiżjoni tal-24 ta' Mejju, 2023, kien li jiddetermina l-identità tal-kontrollur, speċifikament sabiex jaċċerta u jiġi identifikat jekk il-kontrollur tad-*data* personali tal-minorenni pproċessata fir-rigward tas-servizzi tal-NSSS, huwiex l-NSSS innifsu jew id-Direttur tal-NSSS. Qal li d-deċiżjoni tiegħu tenfasizza l-importanza kruċjali li jiġi identifikat il-kontrollur tad-*data* personali, peress li l-kontrollur għandu rwol kruċjali fl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679, u dan jiddetermina min għandu jkun responsabbli għall-konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-*data,* u kif is-suġġetti tad-*data* jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fil-prattika. Qal li r-Regolament 2016/679 introduċa b'mod espliċitu l-prinċipju ta' responsabbilità, jiġifieri li l-kontrollur għandu jkun responsabbli għall-konformità mal-prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' *data* personali *ai termini* tal-artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/679, u jkun kapaċi juriha. L-appellant qal li l-artikolu 4(7) tar-Regolament jiddefinixxi "kontrollur" bħala '*il-persuna fiżika jew ġuridika, l-awtorità pubblika, l-aġenzija jew korp ieħor li, waħdu jew flimkien ma' oħrajn, jiddetermina l-iskopijiet u l-mezzi ta' ipproċessar ta' data personali, fejn il-finijiet u l-mezzi ta' tali pproċessar huma determinati mil-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru; il-kontrollur jew il-kriterji speċifiċi għan-nomina tiegħu jistgħu jiġu previsti mil-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru*'. L-appellant qal li fl-evalwazzjoni ta' din il-kwistjoni, huwa qies kif

xieraq is-sottomissjonijiet li saru mill-NSSS fit-3 ta' Ottubru, 2022, fejn l-NSSS affermat illi *"NSSS Director is the Data Controller of NSSS and as such determines the purposes and means of data processing within the Department".* L-appellant spjega li minkejja dan, huwa ċaħad din l-interpretazzjoni li ngħatat mill-NSSS, abbażi tal-Linji Gwida 07/2020 dwar il-kunċetti ta' kontrollur u ta' proċessur fil-GDPR, fejn il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* li huwa kompost mill-kap tal-awtorità superviżorja ta' kull Stat Membru u mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data,* qal b'mod ċar li *"(k)ultant, il-kumpanniji u l-korpi pubbliċi jaħtru persuna speċifika responsabbli għall-implimentazzjoni tal-attività tal-ipproċessar. Anke jekk persuna fiżika speċifika tinħatar biex tiżgura l-konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-data, din il-persuna ma tkunx il-kontrollur iżda taġixxi f'isem l-entità legali (il-kumpannija jew il-korp pubbliku) li fl-aħħar mill-aħħar tkun responsabbli f'każ ta' ksur tar-regoli fil-kapaċità tagħha bħala kontrollur. Bl-istess mod, anke jekk dipartiment jew unità partikolari ta' organizzazzjoni jkollhom responsabbilità operattiva biex tiġi żgurata l-konformità fir-rigward ta' ċerta attività tal-ipproċessar, ma jfissirx li dan id-dipartiment jew l-unità (minflok l-organizzazzjoni b'mod ġenerali) isiru l-kontrollur."* L-appellant qal li huwa eżamina bir-reqqa l-Linji Gwida 07/2020, u kkonkluda li minkejja l-ħatra ta' individwu speċifiku biex jissorvelja l-ipproċessar tad-*data,* ir-responsabbilità ewlenija hija tal-entità legali, f'dan il-każ, l-NSSS. L-appellant qal li għalhekk, abbażi tal-Linji Gwida 07/2020, huwa ddetermina b'mod konklussiv li l-kontrollur tad-*data* personali pertinenti huwa l-NSSS innifsu, u mhux id-Direttur tal-NSSS. Qal li kuntrarjament għall-interpretazzjoni żbaljata tat-Tribunal, li tgħaqqad il-kontrollur mal-impjegat individwali, f'dan il-każ id-Direttur tal-

NSSS, din l-interpretazzjoni hija differenti mill-preċetti delineati fil-Linji Gwida 07/2020 tal-EDPB. Qal li l-pożizzjoni tat-Tribunal tonqos milli tapprezza d-distinzjoni fundamentali bejn il-korp legali fdat b'responsabbiltajiet ta' ipproċessar ta' *data,* u l-individwi li jiffunzjonaw fi ħdan dak il-korp. Qal li minkejja dan, huwa jenfasizza li l-interpretazzjoni tat-Tribunal, li l-kontrollur huwa impjegat individwali, hija żbaljata u teħtieġ evalwazzjoni mill-ġdid fir-rigward ta' parametri stabbiliti dwar il-protezzjoni tad-*data.* Qal li interpretazzjoni żbaljata ta' dan il-kunċett mill-aktar bażilari, bħal ma hija d-definizzjoni ta' min huwa kontrollur kif definit fl-artikolu 4(7) tar-Regolament 2016/679, iwassal għal preċedent perikoluż li jista' jħalli impatt fuq deċiżjonijiet futuri.

12. Fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant qal li huwa ddetermina li t-talba tar-rikorrenti sabiex tingħata l-informazzjoni, saret fl-24 ta' Mejju, 2022 permezz ta' *email,* li prinċipalment intbagħtet lill-*occupational therapist* tal-NSSS, kif ukoll lill-*ispeech therapist* tal-NSSS, lill-Kap tal-Iskola u lil membru ieħor tal-istaff tal-SMRC. Qal li minkejja li l-ilmentatriċi ma użatx l-indirizz elettroniku deskritt fil-Politika dwar il-Protezzjoni tad-*Data* tal-NSSS, it-talba ntbagħtet lil impjegati li fuq bażi regolari kienu involuti mal-minuri, u dawn mhumiex biss familjari miegħu, iżda wkoll jikkontribwixxu b'mod attiv fil-vjaġġ għal kambjament f'ħajtu. Qal li għalhekk dawn l-individwi huma familjari mal-minuri, u għandhom fehma intima taċ-ċirkostanzi uniċi tiegħu. B'kuntrast id-Direttriċi tal-NSSS qieset li t-talba saret fl-10 ta' Ġunju, 2022. Qal li huwa wasal għad-deċiżjoni definittiva li t-talba għall-aċċess saret fl-24 ta' Mejju, 2022, wara li qies il-Linji Gwida 01/22 dwar id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* – Id-Dritt ta' Aċċess, li jgħidu illi, "*Il-kontrollur lanqas ma huwa obbligat jaġixxi fuq talba li tintbagħat*

*fuq l-indirizz tal-posta elettronika ta' impjegat tal-kontrollur li jaf ma jkunx involut fl-ipproċessar ta' talbiet li jikkonċernaw id-drittijiet tas-suġġetti tad-data (eż: sewwieqa, persunal tat-tindif, eċċ). Tali talbiet ma għandhomx jitqiesu effettivi, jekk il-kontrollur ikun ipprovda b'mod ċar lis-suġġett tad-data b'mezz ta' komunikazzjoni xieraq. Madankollu, jekk is-suġġett tad-data jibgħat talba lill-impjegat tal-kontrollur li jkun ġie assenjat lilu bħala l-persuna ta' kuntatt regolari miegħu (bħal per eżempju maniġer tal-kont personali f'bank jew konsulent regolari f'operatur tat-telefon ċellulari), tali kuntatt ma għandux jitqies bħala wieħed aleatorju u l-kontollur għandu jagħmel l-isforzi raġonevoli kollha, biex jittratta tali talba sabiex ikun jista' jiġi dirett mill-ġdid lejn il-punt ta' kuntatt u jingħata risposta fil-limiti ta' żmien previsti mill-GDPR."*

13. L-appellant qal li fit-teħid tad-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal la kkunsidra l-analiżi legali metikoluża li huwa għamel, u lanqas il-Linji Gwida iċċitati, fattur li jdgħajjef l-integrità tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u li jinjora fatturi essenzjali u kruċjali biex jintlaħaq riżultat ġust. L-appellant qal li minkejja li dawn il-linji gwida huma ċari, u jirrikonoxxu li jistgħu jsiru talbiet lill-impjegati li jittrattaw regolarment l-affarijiet tas-suġġett tad-*data*, u l-kontrolluri huma mistennija jagħmlu sforz raġonevoli biex jiżguraw li tali talbiet jiġu ttrattati irrispettivament mill-indirizz tal-posta elettronika speċifiku użat, it-Tribunal insista li tali talba kellha ssir lid-Direttur tal-NSSS. Il-Kummissarju appellant qal li din l-insistenza, u l-fatt li t-Tribunal ma kkunsidrax u ma ta l-ebda attenzjoni lil-Linji Gwida 01/2022, jirrifletti l-interpretazzjoni ħażina li għamel tar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2016/679, li ddgħajjef id-drittijiet tas-suġġett tad-*data* u kkumplikat il-proċess bla bżonn. L-appellant qal li t-Tribunal mhux biss injora l-Linji Gwida 01/2022 tal-EDPB, iżda naqas milli jżomm mal-ispirtu u l-intenzjoni

tar-Regolament 2016/679, u introduċa wkoll konfużjoni u inkonsistenza fil-prattiki tal-protezzjoni tad-*data.* L-appellant qal li minħabba li b'mod żbaljat it-Tribunal aċċetta d-data tal-10 ta' Ġunju, 2022 minflok dik tal-24 ta' Mejju, 2022, bħala d-data ta' meta saret it-talba, dan ħoloq diskrepanza li għandha implikazzjonijiet sinifikanti peress li għandha impatt dirett fuq jekk ir-rispons tal-kontrollur kienx f'waqtu, kif ordnat mill-artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) 2016/679. L-appellant qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal ittendi li jiġu prijoritizzati l-formalitajiet proċedurali fuq il-prinċipji sostantivi tal-protezzjoni tad-*data*. Qal li huwa kien stabbilixxa li l-NSSS ma weġibx għat-talba tal-ilmentatriċi fi żmien xahar, kif inhu rikjest mill-artikolu 12(3) tar-Regolament 2016/679, u t-Tribunal b'mod żbaljat isostni li l-NSSS indirizza din it-talba fil-pront. L-appellant qal li hemm obbligi legali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679, b'mod partikolari dak stipulat fl-artikolu 12(3), li jimponi terminu ta' xahar li fih l-kontrollur għandu jipprovdi informazzjoni dwar l-azzjoni meħuda. Qal li n-nuqqas ta' risposta għal talba għall-aċċess fit-terminu impost, għandu konsegwenzi sinifikanti li ma jistgħux jiġu injorati, u dawn it-termini huma salvagwardji essenzjali maħsuba biex jiddefendu d-drittijiet tal-individwi li jaċċessaw id-*data* personali tagħhom fil-pront u b'mod trasparenti. L-appellant saħaq li tweġibiet imdewma mhux biss jimpedixxu l-ħila tal-individwi li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, iżda wkoll inaqqsu l-fiduċja fis-sistema tal-ipproċessar tad-*data,* u b'hekk jimminaw l-objettiv ġenerali tar-Regolament (UE) 2016/679, li jagħti s-setgħa lill-individwi biex jikkontrollaw id-*data* personali tagħhom. Il-Kummissarju qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal għalhekk wasslet għal interpretazzjoni żbaljata b'mod fundamentali tar-Regolament (UE) 2016/679 u tal-Linji Gwida 01/2022 li jakkumpanjawh, u għalhekk id-dewmien kellu jattira

azzjonijiet ta’ infurzar, inklużi sanzjonijiet u multi regolatorji, kif fil-fatt ġara f’dan il-każ.

14. It-tielet aggravju tal-appellant huwa marbut mal-interpretazzjoni ħażina li saret tal-poteri tiegħu. Qal li d-deċiżjoni tiegħu sabet li l-NSSS kisret il-prinċipju fundamentali ta’ trasparenza, delineat fl-artikoli 5(1)(a) u 12(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. Kompla jgħid li fid-deċiżjoni tiegħu huwa osserva xi nuqqasijiet fil-Politika dwar il-Protezzjoni tad-*Data* tal-NSSS, li naqset milli tinkludi r-rekwiżiti essenzjali kollha deskritti fl-artikolu 13 u 14 tar-Regolament (UE) 2016/679. Qal li tali deċiżjoni tal-Kummissarju tagħti mandat għal reviżjoni komprensiva tal-politika sabiex jiġi żgurat allinjament ma’ dawn ir-rekwiżiti. Kompla jgħid li l-aspettattivi tat-Tribunal joħolqu konfużjoni, peress li jissuġġerixxu li l-Kummissarju kellu jindika n-nuqqasijiet fil-politika dwar il-protezzjoni tad-*data* tal-NSSS. Qal li l-artikolu 58(2) tar-Regolament 2016/679 jiddeskrivi s-setgħat mogħtija lill-Kummissarju, billi jiddefinixxi diversi miżuri li jistgħu jittieħdu sabiex jinfurzaw l-osservanza tar-Regolament, iżda l-ebda waħda minn dawn is-setgħat ma timponi l-obbligu fuq il-Kummissarju li jispeċifika rekwiżiti minimi għall-politiki dwar il-protezzjoni tad-*data.* Qal li l-fokus ta’ dawn is-setgħat huwa li jiġi assigurat li l-kontrolluri u l-proċessuri jaderixxu mal-prinċipji u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679. Qal li l-obbligu tiegħu huwa li jżomm mar-Regolament (UE) 2016/679 innifsu, u li joqgħod lura milli jordna kwalunkwe ħaġa li taqa’ barra mill-kamp tal-applikazzjoni tiegħu, u l-artikolu 58(2)(d) tal-istess Regolament jiddikjara li kull awtorità superviżorja għandu jkollha s-setgħat korrettivi li tordna lill-kontrollur jew proċessur jagħmel operazzjonijiet ta’ ipproċessar konformi mad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament, fejn xieraq, b’mod speċifiku u f’perijodu

ta' żmien speċifiku. Qal ukoll li huwa kruċjali li jiġi rikonoxxut li imkien fir-Regolament 2016/679 ma huwa ddikjarat li l-Kummissarju għandu japprova l-politiki dwar il-protezzjoni tad-*data* jew jiddetta l-kontenut preċiż ta' dawk il-politiki, u l-kontrollur għandu jiżgura biss li l-operazzjonijiet tal-ipproċessar ikunu konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament 2016/679.

15. Fir-raba' aggravju l-appellant jgħid li l-multa imposta minnu hija effettiva, proporzjonata u dissważiva, u għandha tiġi kkonfermata. L-appellant qal li t-Tribunal irrevoka l-multa imposta minnu ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) abbażi ta' analiżi żbaljata tal-mertu. Qal li l-Kummissarju identifika diversi nuqqasijiet fil-proċessi relatati mal-protezzjoni tad-*data* fi ħdan l-NSSS, u dan wassal għal ksur ta' bosta provvedimenti tar-Regolament, li jinkludi l-artikolu 5(1)(a), l-artikolu 12(1), l-artikolu 12(3), l-artikolu 15(1) u (3) u l-artikolu 38(1) tiegħu, li wasslu għall-impożizzjoni ta' multa amministrattiva skont l-artikolu 82(2)(a), (b),(f), (g) u (h) tar-Regolament (UE) 2016/679. L-appellant qal li t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu sostna li l-Kummissarju ma kienx ta struzzjonijiet biex jiġu rrettifikati dawn in-nuqqasijiet li ġew identifikati, u konsegwentement it-Tribunal ikkonkluda li l-assenza ta' dawn l-istruzzjonijiet kienet tippreklu di l-ġustifikazzjoni tal-impożizzjoni ta' multa amministrattiva fuq l-NSSS. Il-Kummissarju appellant qal li l-artikolu 58(2) tar-Regolament jawtorizzah jimponi multa amministrattiva proporzjonata maċ-ċirkostanzi tal-każ, anki jekk ma jkun ta l-ebda struzzjoni qabel. Kuntrarjament għal dan, it-Tribunal implika li hemm il-ħtieġa li jingħataw struzzjonijiet espliċiti qabel kwalunkwe impożizzjoni ta' multa amministrattiva, u b'hekk din l-interpretazzjoni ma taqbilx ma' dik tal-Kummissarju. Qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal tinnewtralizza s-setgħa tiegħu li jimponi multa amministrattiva mingħajr il-ħruġ minn qabel ta'

struzzjonijiet, u hija f'kontradizzjoni mal-provvedimenti kollha u tippreġudika b'mod sinikattiv is-setgħat tal-Kummissarju *ai termini* tar-Regolament (UE) 2016/679.

16. L-appellant saħaq li d-deċiżjoni tat-Tribunal tonqos milli tirrikonoxxi n-natura dinamika tal-infurzar tal-protezzjoni tad-*data,* u l-ħtieġa għal azzjoni rapida u deċiżiva fl-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' osservanza. Qal li fil-każ odjern hemm lok għall-konferma tal-multa, għaliex il-kontrollur naqas milli josserva l-obbligi tiegħu imposti fuqu, meta ttratta r-rikjesta ta' aċċess fir-rigward ta' *data* personali b'mod li ma jikkonformax mal-provvedimenti tar-Regolament (UE) 2016/679.

17. La l-ilmentatriċi u lanqas l-NSSS intimata ma ressqu risposta għal dan ir-rikors tal-appell tal-Kummissarju, imma din il-Qorti semgħet it-trattazzjoni *viva voce* li saret mill-avukati difensuri tal-partijiet.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

18. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata u tas-sottomissjonijiet *viva voce* li saru mill-appellata NSSS. Il-Qorti tirrileva li wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, irriżultalha li l-pożizzjoni li qiegħda tieħu l-intimata f'dawn il-proċeduri hija li qiegħda tiċħad li f'xi punt hija rrifjutat li tikkoopera jew li tipprovdi d-*data* mitluba lill-ilmentatriċi, imma tqis li dan ma jolqotx l-aggravji sollevati f'dan l-appell mill-Kummissarju appellant.

*L-Ewwel Aggravju:* *[It-Tribunal għamel interpretazzjoni żbaljata dwar min huwa l-Kontrollur responsabbli mill-ipproċessar tad-data]*

19. L-appellant spjega li fl-evalwazzjoni tiegħu tal-każ, huwa beda billi analizza min huwa l-Kontrollur tad-*Data* f'dan ix-xenarju, jekk hijiex l-intimata NSSS, jew inkella hijiex id-Direttriċi tal-NSSS, u qal li t-Tribunal kien żbaljat fl-analiżi tiegħu li kienet id-Direttriċi tal-NSSS li kienet il-Kontrollur tad-*Data* fil-każ odjern. L-appellant qal li l-Kontrollur tad-*Data* għandu rwol kruċjali billi għandu r-responsabbilità li jassigura konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-*Data,* u l-Linji Gwida jistabbilixu li minkejja li tkun saret il-ħatra ta' individwu jew impjegat partikolari sabiex jissorvelja l-ipproċessar tad-*data,* hija l-entità legali in kwistjoni li għandha r-responsabbilità ewlenija għad-*data* miżmuma. L-appellant qal li jirriżulta li l-ilmentatriċi ressqet it-talba tagħha sabiex tingħata kopja tar-*records* miżmuma mill-NSSS dwar binha minuri lil numru ta' professjonisti li jipprovdu s-servizzi tagħhom fl-NSSS, senjatament lill-*occupational therapist* u lill-*ispeech therapist*, kif ukoll lid-Direttriċi tal-NSSS, u lil impjegata oħra. Meta t-Tribunal ikkonkluda li kienet id-Direttriċi tal-NSSS li kellha titqies li hija l-kontrollur tad-*Data,* dan kien qiegħed jimplika li kwalsiasi talba li għamlet l-ilmentatriċi lil persuni oħra li kellhom kuntatt dirett u mill-qrib aktar ma' binha milli d-Direttriċi tal-NSSS, kien kollu ta' xejn għaliex minkejja l-kapaċità professjonali ta' dawn l-individwi, kienet id-Direttriċi tal-NSSS li kienet fil-kontroll tad-data li setgħet tiġi rilaxxata.

20. Din il-Qorti tqis lil hinn minn x'jipprovdu l-Linji Gwida ċċitati mill-appellant, u x'jgħid l-artikolu 4(7) tar-Regolament 2016/679, loġikament il-

kontrollur tad-*data* f'dan il-każ hija l-entità li tipprovdi servizzi lis-suġġetti tad-*data* u mhux id-Direttriċi tal-entità, li hija impjegata tal-istess entità u li tista' ttemm l-impjieg tagħha x'ħin u meta trid. Fil-fatt il-Linji Gwida 07/2020 dwar il-kunċetti ta' kontrollur u ta' proċessur fil-GDPR (Verżjoni 2.0) adottati fis-7 ta' Lulju, 2021, fis-Sommarju Eżekuttiv insibu li '*[f]il-prinċipju, ma hemm l-ebda limitazzjoni dwar it-tip ta' entità li tista' tassumi r-rwol ta' kontrollur iżda fil-prattika b'mod ġenerali hija l-organizzazzjoni li taġixxi bħala kontrollur, u mhux individwu fi ħdan l-organizzazzjoni (bħall-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, impjegat jew membru tal-Bord)."* Il-Qorti tqis li fil-każ odjern kienet l-NSSS li kienet responsabbli kemm mill-ġbir kif ukoll mill-ipproċessar tal-informazzjoni miġbura dwar is-suġġetti tad-*data, ċjoé* il-minuri li jagħmlu użu mis-servizzi tal-NSSS, u għalhekk it-Tribunal ma kellux jasal għall-konklużjoni li kienet id-Direttriċi tal-NSSS li kienet il-kontrollur tad-*data,* u kellu jirriżulta li l-Kummisssarju kien korrett fl-analiżi tiegħu li kienet l-NSSS bħala entità li kienet qiegħda tikkontrolla l-informazzjoni u mhux xi waħda mill-impjegati tagħha. Tenut kont tan-natura tas-servizz ipprovduti mill-NSSS, kien korrett il-Kummissarju meta kkonkluda li l-Kontrollur tad-*Data* hija l-NSSS bħala entità u mhux l-individwu/impjegat tagħha, speċjalment meta wieħed iqis li tali *data* tkun meħtieġa anki b'ċerta urġenza, sabiex fuqha jinbena l-avvanz akkademiku u ta' żvilupp tas-suġġett tad-*data,* u l-ilmentatriċi bħala omm is-suġġett tad-data mhijiex mistennija li tkun taf lil min fi ħdan l-NSSS kellha tindirizza t-talbiet tagħha. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa ġustifikat, u tilqgħu.

*It-Tieni Aggravju: [Id-data meta saret it-talba]*

21. L-appellant jgħid li t-Tribunal kien żbaljat ukoll meta naqas milli jirrikonoxxi li kien hemm dewmien fl-aċċess tad-*data* mogħti mill-NSSS lis-suġġett tad-*data,* u dan wara li kien hemm applikazzjoni żbaljata tal-artikolu 12(3) tar-Regolament (2016/679). L-appellant saħaq li d-data meta kellu jitqies li saret it-talba tal-ilmentatriċi kienet l-24 ta' Mejju, 2022, u għalhekk kellu jiġi deċiż li kien hemm dewmien żejjed u mhux ġustifikat sabiex l-ilmentatriċi ingħatat l-informazzjoni mitluba minnha. Din il-Qorti jidhrilha li t-Tribunal fid-deċiżjoni appellata beda billi għamel numru ta' konsiderazzjonijiet korretti dwar il-bżonn li kull min qiegħed f'pożizzjoni awtorevoli donnu li għandu dwar il-liġijiet tal-protezzjoni tad-*data.* Iżda imbagħad ikkonkluda li d-data meta saret it-talba tal-ilmentatriċi ma kellhiex titqies li kienet l-24 ta' Mejju, iżda l-10 ta' Ġunju, 2022. Kif diġà ntqal aktar qabel f'din is-sentenza, id-Direttriċi tal-NSSS ma kellhiex titqies li hija l-kontrollur tad-*data,* u l-ilmentatriċi bħala omm is-suġġett tad-data, mhijiex mistennija li tkun taf lil min fi ħdan l-NSSS kellha tindirizza t-talbiet tagħha. Talba lill-entità jew lil xi ħadd li ħadem mill-viċin mas-suġġett tad-*data,* u għalhekk jaf bl-informazzjoni dwaru, għandha titqies li hija suffiċjenti.

22. L-artikolu 12(3) tar-Regolament 2016/679 jgħid illi:

> "*Il-kontrollur għandu jipprovdi informazzjoni dwar l-azzjoni meħuda fuq talba skont l-Artikoli 15 sa 22 lis-suġġett tad-*data *mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ, fi żmien xahar minn meta jirċievi dik it-talba. Dak il-perijodu jista' jiġi estiż b'xahrejn oħra fejn meħtieġ, b'kont dovut tal-kumplessità u n-numru ta' talbiet. Il-kontrollur għandu jinforma lis-suġġett tad-*data *dwar kwalunkwe estensjoni fi żmien xahar minn meta jirċievi t-talba, flimkien mar-raġunijiet għad-dewmien. Fejn is-suġġett tad-*data *jagħmel it-talba b'mezzi f'forma elettronika, l-informazzjoni għandha tiġi provduta*

*b'mezzi elettroniċi, fejn ikun possibbli, sakemm ma jkunx mitlub mod ieħor mis-suġġett tad-*data."

Il-Qorti tqis li ladarba qiegħed jiġi deċiż li t-talba tal-ilmentatriċi saret korrettement fl-24 ta' Mejju, 2022, għandu jsegwi li ladarba hija ngħatat l-informazzjoni mitluba fit-30 ta' Ġunju, 2022, din l-informazzjoni ngħatat tardivament, u għalhekk dan it-tieni aggravju qiegħed jiġi milqugħ ukoll.

*It-Tielet Aggravju:* *[It-Tribunal għamel interpretazzjoni ħażina fir-rigward tal-poteri tal-Kummissarju]*

23. L-appellant qal li it-Tribunal ma kienx korrett lanqas fl-analiżi li għamel tat-tip ta' poteri li jista' jeżerċita l-Kummissarju. Qal li filwaqt li l-kontrolluri u l-proċessuri tad-*data* għandhom jaderixxu mal-prinċipji u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2016/679, m'għandux ikun il-Kummissarju li japprova l-politiki dwar il-protezzjoni tad-*data,* jew li jiddetta l-kontenut ta' tali politiki. L-artikolu 11(2) tal-Kap. 586 tal-Liġijiet ta' Malta jispeċifika b'mod wiesgħa x'inhuma r-responsabbiltajiet tal-Kummissarju:

*"Il-Kummissarju jkun responsabbli biex iwettaq monitoraġġ u infurzar fuq l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u tar-Regolament, sabiex jipproteġi d-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u sabiex jiffaċilita l-fluss liberu ta'* data *personali bejn Malta u xi Stat Membru ieħor."*

24. Il-prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' data personali jinsabu elenkati fl-artikolu 5 tar-Regolament, li jispeċifika wkoll li huwa l-kontrollur li għandu jkun responsabbli għall-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-istess artikolu u jkun kapaċi juriha. La l-liġi u lanqas ir-Regolament ma jixħtu fuq il-Kummissarju din

ir-responsabbilità tat-tfassil ta' politiki konformi mal-liġi, u ċertament li m'għandux ikun il-Kummissarju li jgħin fit-tfassil ta' politiki, *standards* jew regoli oħra li għandhom jiġu segwiti mid-detenturi tad-*data,* sabiex imbagħad jevalwa l-azzjonijiet tad-detentur fil-kuntest ta' tali politiki li huwa stess ikun fassal jew għen biex jitfasslu. Ir-rwol tal-Kummissarju huwa li jimmonitorja u jenforza d-dispożizzjonijiet tal-Att, filwaqt li huma l-kontrolluri u l-proċessuri tad-*data* fl-entitajiet infushom li għandhom ir-responsabbilità li jfasslu l-proċeduri b'mod li jkun konformi mal-liġi min-naħa tagħhom. Għaldaqstant il-Qorti ssib li dan l-aggravju huwa ġustifikat, u tilqgħu wkoll.

*Ir-Raba' Aggravju:* *[Il-multa amministrattiva imposta]*

25. Il-Kummissarju appellant saħaq li l-multa amministrattiva imposta minnu hija effettiva, proporzjonata u dissważiva, u għalhekk għandha tiġi kkonfermata, u dan kuntrarjament għal dak li ddeċieda t-Tribunal li din il-multa għandha titħassar. Qal li r-revoka tal-multa mit-Tribunal hija riżultat ta' analiżi żbaljata fil-mertu, u huwa sab li l-intimata kienet responsabbli ta' ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament 2016/679, u kien għalhekk li huwa impona l-multa amministrattiva, li kellha sservi bħala deterrent. Qal li huwa ma kellu għalfejn jagħti l-ebda struzzjoni qabel jimponi tali multa, u għalhekk il-fatt li l-intimata ma ġietx mogħtija minnu istruzzjonijiet minn qabel, ma jfissirx li hija m'għandhiex tiġi kkundannata għall-ħlas tal-multa imposta minnu.

26. Il-Qorti taqbel għal kollox mar-raġunament tal-appellant. Ladarba qiegħed jiġi stabbilit Ii l-appellant ma kellu l-ebda obbligu li jgħin fit-tfassil ta' politiki konformi mal-liġi jew li jwissi lill-intimata b'xi mod qabel ġie a konjizzjoni

tal-ilment intavolat mill-ilmentatriċi, u ladarba l-Kummissarju għandu l-funzjoni li fil-monitoraġġ u fl-infurzar imwettqa minnu, jimponi multi amministrattivi, huwa kien qiegħed jaġixxi b'konformità mal-liġi meta impona l-multa in kwistjoni. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li anki dan l-aggravju huwa mistħoqq, u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern, billi tilqgħu, u b'hekk tirrevoka d-deċiżjoni appellata mogħtija mit-Tribunal fit-18 ta' April, 2024 fl-ismijiet premessi, u tikkonferma id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-4 ta' Mejju, 2023 fl-intier tagħha, bl-ispejjeż kontra l-appellata n-National School Support Services (NSSS).**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**